

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Kulleġġ

(2011/C 366/24)

INTRODUZZJONI

1. Il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kulleġġ"), li jinsab fi Bramshill, twaqqaf mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/820/ĠAI, kif imħassra fl-2005 u sostitwita mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI⁽¹⁾. Il-kompitu tal-Kulleġġ huwa li jaħdem bħala netwerk u jgħaqqad flimkien l-istituti nazzjonali tat-taħriġ tal-pulizija fl-Istati Membri sabiex jipprovdi sessjonijiet ta' taħriġ, ibbażati fuq standards komuni, għal uffiċjali għolja tal-pulizija⁽²⁾.

2. Il-baġit tal-Kulleġġ għall-2010 ammonta għal EUR 7,8 miljun meta mqabbel ma' EUR 8,8 miljun is-sena ta' qabel. L-għadd ta' persunal impjegat miċ-Ċentru fi tmiem is-sena kien 31, meta mqabbel ma' 28 is-sena ta' qabel.

ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287(1), it-tieni subparagrafu tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti vverifikat il-kontijiet annwali⁽³⁾ tal-Aġenzija, li jikkonsistu fir-"rendikonti finanzjarji"⁽⁴⁾ u fir-"rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit"⁽⁵⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2010 u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

4. Din id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni hija indirizzata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, skont l-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002⁽⁶⁾.

Ir-responsabbiltà tad-Direttur

5. Bħala uffiċjal li jawtorizza, id-Direttur jimplementa d-dħul u l-infiq tal-baġit skont ir-regoli finanzjarji tal-Kulleġġ

taħt ir-responsabbiltà tiegħu u fi ħdan il-limiti tal-appropriazzjonijiet awtorizzati⁽⁷⁾. Id-Direttur huwa responsabbli mit-twaqqif⁽⁸⁾ tal-istruttura organizzattiva u s-sistemi u l-proċeduri tal-ġestjoni u l-kontroll interni rilevanti biex jiġu ppreparati kontijiet finali⁽⁹⁾ li huma ħielsa minn dikjarazzjoni żbaljata materjali, kemm jekk minħabba frodi jew inkella żball, u biex jiżgura li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet huma legali u regolari.

Ir-responsabbiltà tal-Qorti

6. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li tipprovdi, abbażi tal-verifika tagħha, dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-Istitut u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li huma bbażati fuqhom.

7. Il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi tal-Etika tal-IFAC u l-ISSAI⁽¹⁰⁾. Dawk l-standards jitolbu li l-Qorti tikkonforma mar-rekwiżiti tal-etika u li tippjana u twettaq il-verifika biex tikseb assigurazzjoni raġonevoli dwar jekk il-kontijiet humiex ħielsa minn dikjarazzjoni żbaljata materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet ta' bażi humiex legali u regolari.

8. Il-verifika tal-Qorti tinvolvi t-tweġiq ta' proċeduri sabiex tinkiseb evidenza tal-verifika dwar l-ammonti u l-iżvelar fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li huma bbażati fuqhom. Il-proċeduri jintgħażlu skont il-ġudizzju tal-awditur, inkluża l-valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali fir-rapporti finanzjarji, sew jekk minħabba frodi jew sew jekk minħabba xi żball. Meta tagħmel dawk il-valutazzjonijiet tar-riskju, il-kontrolli interni rilevanti għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni tal-kontijiet tal-entità jiġi kkunsidrat sabiex jifasslu proċeduri tal-verifika li huma xierqa fiċ-ċirkostanzi. Il-verifika tal-Qorti tinkludi wkoll evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politika tal-kontabilità użata, tar-raġonevolezza tal-estimi tal-kontabilità magħmula mill-maniġment u kif ukoll evalwazzjoni tal-preżentazzjoni tal-kontijiet inġenerali.

⁽¹⁾ ĠU L 256, 1.10.2005, p. 63.

⁽²⁾ L-Anness jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Kulleġġ. Jiġi ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽³⁾ Dawn il-kontijiet huma akkumpanjati minn rapport dwar il-ġestjoni tal-baġit u dik finanzjarja matul is-sena li, fost l-oħrajn, jagħti rendikont tar-rata ta' implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet flimkien ma' informazzjoni fil-qosor dwar it-trasferimenti tal-appropriazzjonijiet fost il-partiti varji tal-baġit.

⁽⁴⁾ Ir-rendikonti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-fluss tal-likwidità, ir-rendikont tat-tibdil fil-kapital u l-anness għar-rendikonti finanzjarji li jinkludi deskrizzjoni tal-politika tal-kontabilità prinċipali u informazzjoni oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁵⁾ Ir-rapporti tal-implimentazzjoni tal-baġit jikkonsistu fil-kont tar-riżultat tal-baġit u fl-anness tiegħu.

⁽⁶⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 (ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72).

⁽⁸⁾ L-Artikolu 38 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002.

⁽⁹⁾ Ir-regoli dwar il-preżentazzjoni tal-kontijiet u tal-kontabilità mill-Aġenzija huma stabbiliti fil-Kapitolu 1 tat-Titolu VII tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 652/2008 (ĠU L 181, 10.7.2008, p. 23) u huma fil-fatt integrati fir-Regolament Finanzjarju tal-Kulleġġ.

⁽¹⁰⁾ Il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti (IFAC) u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika (ISSAI).

9. Il-Qorti tqis li l-evidenza tal-verifika miksuba hija biżżejjed u xierqa biex tipprovdi bażi għall-opinjoni ta' t'hawn taħt.

L-opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

10. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-Kontijiet Annwali ⁽¹¹⁾ tal-Kulleġġ jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2010 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tiegħu u tal-flussi ta' likwidità tiegħu għas-sena li ntemmet, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tiegħu.

L-opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

11. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2010, fl-aspetti materjali kollha huma legali u regolari.

12. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux f'dubju l-opinjoni tal-Qorti.

KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI TAL-BAĠIT U DIK FINANZJARJA

13. Aktar minn EUR 1,6 miljun, ekwivalenti għal 48 % tal-appropriazzjonijiet miġjuba 'l quddiem mill-2009, kellhom jiġu kkanċellati fl-2010. Din is-sitwazzjoni ma taqbilx mal-prinċipju baġitarju ta' annwalità.

14. In-nefqa għall-organizzazzjoni ta' korsijiet u seminars tirrappreżenta parti sinifikanti tal-baġit tal-Qorti. Kien hemm nuqqas ta' dixxiplina fil-proċess tal-Kulleġġ għall-approvazzjoni tal-klejms tal-ispejjeż għal dawn l-attivitajiet, partikolarment fir-rigward ta' kompletzza ta' evidenza pprovduta.

SEGWITU DWAR SEJBIET PREĊEDENTI TAL-VERIFIKA

15. Sar kontroll *ex-post* estern dwar l-appropriazzjonijiet li ntużaw biex jiffinanzjaw nefqa privata matul l-2007 u l-2008. Ir-reviżuri esterni qiesu li ebda fondi ulterjuri mhuma rekupe-rabbli fir-rigward ta' din il-kwistjoni.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Igors LUDBORŽS, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-6 ta' Settembru 2011.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

⁽¹¹⁾ Il-Kontijiet Annwali Finali ġew imfassla fit-8 ta' Ġunju 2011 u rċevuti mill-Qorti fit-22 ta' Ġunju 2011. Il-Kontijiet Annwali Finali jistgħu jinstabu fuq il-websajt li ġejja <http://eca.europa.eu> jew <https://www.cepol.europa.eu/index.php?id=final-accounts>.

ANNEX

Il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (Bramshill)**Kompetenzi u attivitajiet**

<p>L-oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni stipulati fit-Trattat</p> <p>(L-Artikolu 87 TFUE)</p>	<p>L-approssimazzjoni tal-liġijiet</p> <p>"1. L-Unjoni għandha tistabbilixxi koperazzjoni tal-pulizija li tinvolvi l-awtoritajiet kompetenti kollha tal-Istati Membri, inkluża l-pulizija, is-servizzi tad-dwana u servizzi oħrajn tal-infurzar tal-liġi speċjalizzati fl-oqsma tal-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali.</p> <p>2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skond [skont] il-proċedura leġislattiva ordinarja, jistgħu jistabbilixxu miżuri dwar: (...)</p> <p>b) l-appoġġ għat-taħriġ tal-persunal, kif ukoll il-koperazzjoni dwar l-iskambju tal-persunal, dwar tagħmir u dwar ir-riċerka fil-kxif tal-kriminalità;"</p>
<p>Il-kompetenzi tal-Kulleġġ</p> <p>(Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI)</p>	<p>L-Objettivi</p> <p>Il-mira tas-CEPOL għandha tkun li jgħin fit-taħriġ tal-uffiċjali għolja tal-pulizija fl-Istati Membri billi joħroġ l-aħjarm mill-koperazzjoni bejn id-diversi istituti tas-CEPOL. Dan għandu jappoġġa u jiżviluppa approċċ Ewropew għall-problemi prinċipali li jaffaċċjaw l-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalità, il-prevenzjoni tal-kriminalità u ż-żamma tal-liġi u l-ordni u s-sigurtà pubblika, b'mod partikolari d-dimensjonijiet trans-konfinali ta' dawk il-problemi.</p> <p>Il-Kompiti</p> <p>— Iżid l-għarfien tas-sistemi nazzjonali tal-pulizija u l-istrutturi ta' Stati Membri oħrajn u tal-koperazzjoni trans-konfinali bejn il-pulizija fl-Unjoni Ewropea.</p> <p>— Jtejjeb l-għarfien tal-istrumenti internazzjonali u tal-Unjoni, b'mod partikolari fis-setturi li ġejjin:</p> <p>(a) l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-mod kif jaħdmu u r-rwol tagħhom, kif ukoll il-mekkaniżmi għat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-istrumenti legali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari rigward l-implikazzjonijiet tagħhom għall-koperazzjoni fl-infurzar tal-liġi;</p> <p>(b) l-objettivi tal-Europol, l-istruttura u l-mod kif taħdem, kif ukoll il-possibbiltajiet li titkabbar kemm jista' jkun il-koperazzjoni bejn l-Europol u s-servizzi tal-infurzar tal-liġi rilevanti fl-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata;</p> <p>(c) l-objettivi tal-Eurojust, l-istruttura u l-mod kif taħdem;</p> <p>— Li jipprovdni taħriġ xieraq fir-rigward tar-rispett għas-salvagwardji demokratiċi b'referenza partikolari għad-drittijiet ta' difiża.</p>
<p>It-Tmexxija</p>	<p>1 – Il-Bord ta' Tmexxija</p> <p><i>Il-Kompożizzjoni:</i></p> <p>Delegazzjoni waħda minn kull Stat Membru.</p> <p>Kull delegazzjoni għandu jkollha vot wieħed. Rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea u tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Europol għandhom ikunu mistiedna biex jattendu l-laqgħat bħala osservaturi mingħajr vot.</p> <p>2 – Id-Direttur</p> <p>Imexxi l-Kulleġġ, huwa maħtur u mneħħi mill-Bord Governattiv.</p> <p>3 – Il-verifika esterna</p> <p>Il-Qorti tal-Awdituri.</p> <p>4 – L-awditur intern</p> <p>Is-Servizz ta' Verifika Interna tal-Kummissjoni Ewropea.</p> <p>5 – L-awtorità ta' kwittanza</p> <p>Il-Parlament li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill.</p>

<p>Ir-riżorsi disponibbli għall-Kulleġġ fl-2010 (2009)</p>	<p>Il-Baġit</p> <p>EUR 7,8 (8,8) miljun</p> <p>Il-Persunal</p> <p>Il-Pjan ta' Stabbiliment 2010 previst. 26 (26) Aġenti Temporanji.</p> <p>Barra minn hekk: 10 (13) Postijiet ta' Aġenti Kuntrattwali ngħataw fil-baġit.</p> <p>Stati Membri ssekondaw ukoll total ta: 4 (2) Esperti Nazzjonali matul il-kors tas-sena.</p>
<p>Prodotti u Servizzi fl-2010 (2009)</p>	<p>1 – Il-korsijiet u s-seminars</p> <p>Il-Kulleġġ organizza 91 (88) kors, seminars u konferenzi. Stima preliminari tal-valutazzjonijiet turi li l-livell ġenerali tas-sodisfazzjon bl-attivitajiet tal-Kulleġġ u bl-eżiti edukattivi tiegħu huma għoljin. Is-CEPOL laqqa' flimkien 2 198 uffiċjal tal-infurzar tal-liġi (841 harriġ u 1 997 parteċipant) minn 36 pajjiż (Stati Membri tal-UE u Pajjiżi Terzi). Il-Kulleġġ organizza 10 attivitajiet (7) biex jappoġġa n-netwerk u implimenta ftehim qafas tas-sistema ta' sħubija, u b'hekk ippermetta li jsiru ftehimiet ta' għotjiet għall-Programm tal-2011 u għall-ġejjieni. Ma sar l-ebda postponiment ta' xi attività għas-sena kalendarja sussegwenti.</p> <p>2 – Ir-Relazzjonijiet Esterni</p> <p>Il-Kulleġġ iffirma Ftehimiet ta' Kooperazzjoni mal-Istitut Nazzjonali Tork tal-Pulizija u mal-kulleġġ tal-Pulizija Kroat fis-7 ta' Diċembru 2010. Fid-9 ta' Diċembru 2010 l-Kulleġġ iffirma wkoll Ftehimiet ta' Kooperazzjoni riveduti mal-Kulleġġ Nazzjonali tal-Pulizija Islandiż u mal-Università tal-Pulizija Norveġiża. Bdew ukoll negozjati mal-Federazzjoni Russa, mal-Ġeorġja, mal-Albanija u ma' Montenegro rigward Ftehimiet ta' Kooperazzjoni ġejjiena. (ftehim wieħed u memorandum ta' fehim).</p> <p>3 – Il-Kurrikuli Komuni</p> <p>Fl-2010 l-Kurrikulu Komuni dwar il-Ħasil tal-Flus żdied mal-ħames Kurrikuli Komuni li kienu diġà tnedew biex jiġu implimentati fl-Istati Membri: Europol, Etika tal-Pulizija u Prevenzjoni tal-Korruzzjoni, Vjolenza (I & II), Traffikar tal-Bnedmin, Traffikar tad-Droga.</p> <p>4 – Il-Valutazzjoni</p> <p>Fl-2010 tlestiet evalwazzjoni ta' ħames snin dwar l-attività tas-CEPOL.</p> <p>5 – Ir-Riċerka u x-Xjenza</p> <p>In-netwerk tal-Korrispondenti Nazzjonali tar-Riċerka u x-Xjenza u l-Grupp ta' Ħidma tar-Riċerka u x-Xjenza appoġġaw it-tħejjijiet għal tliet attivitajiet ta' riċerka u xjenza ddedikati fil-programm ta' ħidma tas-CEPOL:</p> <p>(1) il-Konferenza Annwali tar-Riċerka u x-Xjenza tal-Pulizija tas-CEPOL,</p> <p>(2) is-Simpożju tar-Riċerka dwar "Policing Diversity",</p> <p>(3) is-Simpożju tal-Implimentazzjoni "Policing Diversity", "Policing Major Public Events".</p> <p>Ġew ippubblikati fuq il-websajt żewġ ħarġiet oħrajn tal-"European Police Science and Research Bulletin". Ġie ffinalizzat ir-rapport dwar "Survey on European Police Education and Bologna". Il-kontributi tas-CEPOL ġew ippreżentati lis-"Simpożju tal-Kriminoloġija ta' Stokkolma" u lill-Konferenza Annwali tas-Soċjetà Ewropea tal-Kriminoloġija. Il-librerija elettronika qiegħda tkompli tikber u tintuża bħala maħżen ta' għar-fien għall-utenti rreġistrati tal-e-Net.</p> <p>6 – Il-Proġett Euromed Police II</p> <p>Il-proġett EUROMED laħaq l-għanijiet operattivi tiegħu u ngħalaq fit-30 ta' Settembru 2010.</p>

7 – Il-Programm ta' Skambju

Il-Programm ta' Skambju tal-Kulleġġ, li huwa programm ta' sena, beda fl-2009 u ntemm fl-2010. L-ewwel perjodu ta' skambju sar bejn Ottubru u Diċembru 2009 u t-tieni wieħed sar bejn Jannar u Marzu 2010. L-iskambju għall-uffiċjali għolja tal-pulizija dam 12-14-il jum u dak tal-persunal tat-taħriġ dam 18-22 jum. Fl-ewwel żewġ perjodi ta' skambju ħadu sehem 51 parteċipant minn 21 Stat Membru. Is-suġġetti prijoritarji kienu ż-Żamma tal-Ordni fil-Komunità jew il-Kriminalità Organizzata (uffiċjali għolja tal-pulizija) u l-Ambjent tat-Tagħlim (harriegħa). Wara l-emenda fl-għotja, il-bqija tal-baġit intuża fuq it-tielet perjodu ta' skambju li involva 88 uffiċjal għoli tal-pulizija.

8 – In-Network Elettroniku (e-Net)

L-e-Net (Network Elettroniku) tal-Kulleġġ irċieva 102 000 viżitatur uniku (żieda ta' 34 % apparagun mal-2009) (76 000) u sal-aħħar tal-2010 kellu 6 226 utent irreġis-trat (903). Irriżulta li l-LMS tas-CEPOL (Learning Management System) kellha suċċess kbir mhux biss fl-appoġġ tal-attivitajiet tradizzjonali tas-CEPOL bħall-korsijiet u seminars iżda wkoll fl-offerta ta' pjattaforma għall-iskambju ta' informazzjoni mal-Programm ta' Skambju CEPOL/ISEC u ma' bosta Gruppi ta' Ħidma. Fl-2010 d-DMS (Document Management System) sar is-sors ewlieni tad-dokumenti tal-laqgħat li l-gruppi kollha ta' Governanza kellhom ma' diversi gruppi li jużawha b'mod esklużiv għad-disseminazzjoni tad-dokumenti.

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Kulleġġ.

IT-TWEĠBIET TAL-KULLEĠĠ

13. Sabiex tiġi evitata s-sitwazzjoni msemmija mill-Qorti, il-bilanċ miġjub 'il quddiem tal-appropriazzjonijiet kien suġġett għal kriterji stretti sabiex il-kanċellazzjonijiet għall-2011 ikunu minimizzati. Fl-Ġunju 2011, il-kompiti miftuħa ġew reveduti sabiex il-monitoraġġ tal-konsumazzjoni tal-baġit ikun imħares aħjar u tittejjeb l-implimentazzjoni tal-baġit għall-2011.
 14. CEPOL irreveda l-proċess għall-approvazzjoni tal-ispejjeż tal-klejms u l-evidenza tagħhom. Barra minn hekk, CEPOL organizza kors ġdid ta' taħriġ għall-Mexxejja tal-Korsijiet sabiex itejbu aktar il-kontroll fuq il-korsijiet kif ukoll il-kwalità tal-pagamenti tal-fajls.
 15. CEPOL għaraf il-kummenti tal-Qorti. Madanakollu, CEPOL se jibqa' jaħdem biex jipprova jirkupra kemm jista' jkun il-fondi possibbli li għadhom ma nġabrux.
-